VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,607, 12 ta' Lulju, 2016
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXVI tal-2016

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jintroduċi emendi fl-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* u f'Liġijiet oħra u sabiex jiġu implimentati d-Direttiva 2014/56/EU u ċertu dispożizzjonijiet tar-Regolament (EU) Nru 537/2014.

ACT No. XXXVI of 2016

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to introduce amendments to the Accountancy Profession Act and to other Laws and to implement Directive 2014/56/EU and certain provisions of Regulation (EU) No. 537/2014.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **DOLORES CRISTINA**
Aġent President

12 ta' Lulju, 2016

ATT Nru XXXVI tal-2016

*ATT sabiex jintroduċi emendi fl-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy *u f'Liġijiet oħra u sabiex jiġu implimentati d-Direttiva 2014/56/UE u ċertu dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 537/2014.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* u Liġijiet oħra.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ fis-17 ta' Ġunju 2016.

TAQSIMA I
Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*

Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*. Kap. 281.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "awditjar statutorju" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

" "awditjar statutorju" tfisser awditjar tal-kontijiet finanzjarji annwali jew il-kontijiet finanzjarji kkonsolidati skont kif:

(a) rikjest mil-liġi tal-Unjoni Ewropea;

(b) rikjest mil-liġi Maltija fir-rigward ta' impriżi żgħar;";

(b) fit-tifsira "awditur ta' pajjiż terz", minflok il-kliem "inkorporata f'pajjiż terz;" għandhom jidħlu l-kliem "inkorporata f'pajjiż terz, għajr individwu li jkun reġistrat bħala awditur statutorju fi kwalunkwe Stat Membru b'konsegwenza tal-approvazzjoni skont l-Artikoli 3 u 44 tad-Direttiva dwar l-Awditjar;".

(ċ) minnufih wara t-tifsira "awditur ta' pajjiż terz" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità nominata mil-liġi tal-Istati Membri sabiex tkun responsabbli għar-regolamentazzjoni u, jew għas-superviżjoni tal-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar jew ta' aspetti speċifiċi tagħhom;";

(d) minnufih wara t-tifsira "Bord" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "CEAOB" tfisser il-Kumitat ta' Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar;";

(e) minnufih wara t-tifsira "dikjarazzjonijiet finanzjarji" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva dwar l-Awditjar" tfisser id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, kif emendata bid-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014;";

(f) fit-tifsira "entità ta' awditjar ta' pajjiż terz", minflok il-kliem "inkorporati f'pajjiż terz;" għandhom jidħlu l-kliem "inkorporati f'pajjiż terz, għajr entità li tkun reġistrata bħala ditta tal-awditjar fi kwalunkwe Stat Membru b'konsegwenza tal-approvazzjoni skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Awditjar;";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) it-tifsira "entità ta' interess pubbliku" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "entità ta' interess pubbliku" tfisser entità regolata mid-dritt ta' Stat Membru li t-titoli trasferibbli tiegħu huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat ta' kwalunkwe Stat Membru fis-sens tal-punt 14 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE; istituzzjoni ta' kreditu kif definita fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ditti tal-investiment, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva; impriżi tal-assigurazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 91/674/KEE; u tali entitajiet oħra kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru. Ir-referenzi għad-Direttivi f'din it-tifsira għandhom jinkludu kwalunkwe leġislazzjoni oħra li temenda jew tissostitwixxi tali Direttivi;";

(h) minnufih wara t-tifsira "entità ta' interess pubbliku" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "impriżi ta' daqs medju" tfisser impriżi msemmija fil-paragrafu 1 tat-Taqsima I tat-Tielet Skeda tal-Att dwar il-Kumpanniji;

"impriżi żgħar" tfisser il-kumpanniji msemmijin fl-artikolu 185(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji;";

Kap. 386.

(i) fit-tifsira "ma jkunx jeżerċita", minflok il-kliem "għal mill-inqas tliet snin qabel ma jkun involut fit-tmexxija tal-Bord jew ta' xi kumitat imwaqqaf taħtu" għandhom jidħlu l-kliem "għandhom jitħassru u jiġu sostitwiti bil-kliem "matul l-involviment tiegħu jew tagħha fit-tmexxija tal-Bord u matul il-perjodu ta' tliet snin minnufih qabel dak l-involviment";

(j) minnufih wara t-tifsira "prinċipal responsabbli għall-konformità" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament dwar l-Awditjar" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 jew ir-rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku;";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(k) minnufih wara t-tifsira "Stat Membru" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Stat Membru domiċiljari" tfisser Stat Membru fejn awditur jew ditta tal-awditjar hija approvata b'konformità mar-regolament 4(1) tar-Regolamenti dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*;

L.S. 281.01

"Stat Membru ospitanti" tfisser Stat Membru li fih awditur statutorju approvat mill-Istat Membru domiċiljari tiegħu jew tagħha j/tipprova j/tikseb approvazzjoni wkoll fi Stat Membru ieħor, jew Stat Membru li fih ditta tal-awditjar approvata mill-Istat Membru domiċiljari tagħha tfittex li tiġi reġistrata jew tkun reġistrata;

"test tal-kapaċità" tfisser test limitat għall-għarfien professjonali tal-applikant, magħmul mill-Bord bl-għan li jevalwa l-kapaċità tal-applikant sabiex isegwi l-professjoni ta' awditur f'Malta;"; u

(l) fit-test Ingliż it-tifsira "Tribunal" għandha titqiegħed wara t-tifsira "third-country auditor".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Il-Bord għandu joħroġ ċertifikat ta' prattika fil-qasam tal-awditjar f'Malta lil individwu ta' reputazzjoni tajba li huwa awditur approvat fi kwalunkwe Stat Membru sakemm tali individwu jkun, b'mod sodisfaċenti għall-Bord, għadda minn test tal-kapaċità, li jkopri l-liġijiet u r-regolamenti lokali rilevanti għall-awditjar, stabbiliti mill-Bord għal dan il-għan."; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "l-Istati Membri fejn l-awditur ikun ukoll approvat" għandhom jidħlu l-kliem "l-Istati Membri fejn l-awditur huwa wkoll reġistrat".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Direttiva 2006/43/KE;", għandhom jidħlu l-kliem "Direttiva 2006/43/KE, id-Direttiva 2014/56/UE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014;";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) il-paragrafu (l) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (o), u minnufih wara l-paragrafu (k) tiegħu għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(l) fejn ikun meħtieġ, li jibda u jwettaq investigazzjonijiet marbuta ma' awdituri u ditti tal-awditjar u d-dritt li jieħu l-azzjoni adatta;

(m) li jimmonitorja b'mod regolari l-iżviluppi tas-suq għall-provvediment ta' servizzi ta' awditjar statutorju għall-entitajiet ta' interess pubbliku u b'mod partikolari għandu jevalwa dan li ġej:

(i) ir-riskji li jirriżultaw mill-inċidenza għolja ta' defiċenzi ta' awditur jew ta' ditta tal-awditjar, inklużi defiċenzi sistematiċi f'netwerk ta' ditta tal-awditjar, li jistgħu jwasslu għall-falliment ta' kwalunkwe ditta tal-awditjar, l-interruzzjoni tal-provvediment ta' servizzi statutorji tal-awditjar kemm f'settur speċifiku kif ukoll fis-setturi kollha, l-akkumulazzjoni ulterjuri tar-riskju ta' defiċenzi fl-awditjar u l-impatt fuq l-istabbiltà ġenerali tas-settur finanzjarju;

(ii) il-livelli ta' konċentrazzjoni tas-suq, inkluż f'setturi speċifiċi;

(iii) il-prestazzjoni ta' kumitati tal-awditjar;

(iv) il-bżonn li jiġu adottati miżuri li jnaqqsu r-riskji msemmija fil-paragrafu (a);

(n) jieħu miżuri li jiżguraw li l-applikazzjoni ta' *standards* tal-awditjar għall-awditjar statutorju ta' impriżi żgħar hija proporzjonata mal-iskala u l-kumplessità ta' tali impriżi;";

(ċ) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Il-Bord għandu, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jirreġistra kull awditur minn pajjiż terz u entità tal-awditjar minn pajjiż terz, fejn dak l-awditur minn pajjiż terz u dik l-entità tal-awditjar minn pajjiż terz jipprovdu rapport tal-awditjar li jikkonċerna d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

konsolidati ta' impriża inkorporata barra l-Unjoni li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu ammessi għan-negozjar f'suq regolat f'Malta fis-sens tal-punt 14 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE, minbarra meta l-impriża inkwistjoni tkun emittent esklużiv ta' titoli ta' dejn pendenti li għalihom tapplika waħda minn dawn li ġejjin:

(a) huma kienu ammessi għan-negozjar f'suq regolat fi Stat Membru fis-sens tal-punt (ċ) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (24) qabel il-31 ta' Diċembru 2010 u d-denominazzjoni tiegħu għal kull unità, li fid-data tal-ħruġ, hija tal-inqas ħamsin elf euro (€50,000) jew, fil-każ ta' titoli ta' dejn denominati f'munita oħra, ekwivalenti, fid-data tal-ħruġ, għal tal-inqas ħamsin elf euro (€50,000);

(b) huma jkunu ammessi għan-negozjar f'suq regolat fi Stat Membru fis-sens tal-punt (ċ) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/109/KE mill-31 ta' Diċembru 2010 u li d-denominazzjoni tagħhom għal kull unità, fid-data tal-ħruġ, hija tal-inqas mitt elf euro (€100,000) jew, f'każ ta' titoli ta' dejn denominati f'munita oħra, ekwivalenti, fid-data tal-ħruġ, għal tal-inqas mitt elf euro (€100,000).";

(d) is-subartikolu (11) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(11) Il-Bord jista' jirreġistra awditur minn pajjiż terz jew entità tal-awditjar minn pajjiż terz biss jekk:

(a) hu/hi għandhom reputazzjoni tajba;

(b) fil-każ ta' entità tal-awditjar minn pajjiż terz, il-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv jew tat-tmexxija tal-entità tal-awditjar minn pajjiż terz jissodisfaw ir-rekwiżiti li huma ekwivalenti għal dawk stipulati fl-artikolu 10(6);

(ċ) l-awditur minn pajjiż terz jew l-awditur minn pajjiż terz li jkun qed jagħmel l-awditjar f'isem l-entità tal-awditjar minn pajjiż terz, jissodisfa r-rekwiżiti li huma ekwivalenti għal dawk stipulati fl-artikolu 3(2);

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) l-awditjar imsemmi fis-subartikolu (6) isir b'konformità mal-i*standards* internazzjonali tal-awditjar u jikkonforma mar-rekwiżiti ta' indipendenza, oġġettività u tariffi tal-awditjar kif stabbilit f'dan l-Att jew mill-Bord jew ma' *standards* u rekwiżiti ekwivalenti;

(e) hu/hi jippubblikaw fuq is-sit elettroniku tagħhom rapport ta' trasparenza annwali li jinkludi l-informazzjoni msemmija fl-artikolu 18(1) jew jikkonformaw ma' rekwiżiti ta' divulgazzjoni ekwivalenti.";

(e) is-subartikolu (19) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(19) Il-Bord għandu jippubblika rapport annwali li jinkludi dettalji tal-programmi ta' ħidma annwali tiegħu, inklużi l-kompiti tiegħu skont ir-Regolament dwar l-Awditjar, deskrizzjoni tax-xogħol li sar mill-kumitat dixxiplinarju, sommarju tax-xogħol li sar fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-kwalità u r-riżultati ġenerali tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità, l-informazzjoni aggregata dwar is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-spezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 49 tad-Direttiva Nru 4 tad-Direttiva dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* (Assigurazzjoni tal-Kwalità) u tali affarijiet oħra li l-Bord iqis rilevanti.

Dan ir-rapport għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar rakkomandazzjonijiet maħruġa, segwitu tar-rakkomandazzjonijiet, miżuri superviżorji meħuda u sanzjonijiet imposti. Għandu jinkludi wkoll informazzjoni kwantitattiva u informazzjoni ewlenija oħra ta' prestazzjoni dwar riżorsi finanzjarji u dwar persunal, u l-effiċjenza u l-effikaċità tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità."; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (20) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(21) Il-Bord għandu jikkoopera ma' awtoritajiet kompetenti bil-għan li jikseb konverġenza tar-rekwiżiti stipulati fl-artikolu 3(2)(ċ), (d) u (e). Meta jimpenjaw ruħhom f'tali kooperazzjoni, dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu żviluppi fl-awditjar u fil-professjoni tal-awditjar, u, b'mod partikolari, il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

konverġenza li tkun diġà ntlaħqet mill-professjoni. Huma għandhom jikkooperaw mal-Kumitat tal-Korpi Ewropej ta' Sorveljanza tal-Awditjar (CEAOB) u l-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 537/2014 sa fejn tali konverġenza tkun marbuta mal-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku.

(22) Il-Bord għandu jikkoopera ma' awtoritajiet kompetenti oħra fi ħdan il-qafas tas-CEAOB bil-għan li tinkiseb konverġenza tar-rekwiżiti tal-perijodu ta' adattament u t-test ta' kapaċità. Għandhom itejbu t-trasparenza u l-prevedibilità tar-rekwiżiti. Għandhom jikkooperaw mas-CEAOB u mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament dwar l-Awditjar sa fejn dik il-konverġenza għandha x'taqsam mal-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku.".

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Setgħat tal-awtorità kompetenti.

7A. (1) Mingħajr ħsara għall-Artikolu 26 tar-Regolament dwar l-Awditjar, meta jwettaq il-kompiti tiegħu skont dan l-Att u skont ir-Regolament dwar l-Awditjar, il-Bord u kwalunkwe awtorità pubblika oħra ma jistgħux ifixklu l-kontenut tar-rapporti tal-awditjar.

(2) Il-Bord għandu jkollu s-setgħat superviżorji u investigatorji kollha li huma neċessarji għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont l-Att u r-Regolament dwar l-Awditjar, inkluż, iżda mhux biss is-setgħa li:

(a) jaċċessa *data* relatata mal-awditjar statutorju jew dokumenti oħra miżmuma mill-awdituri jew minn ditti tal-awditjar fi kwalunkwe forma rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tiegħu u li jirċievi u jagħmel kopja tagħhom;

(b) jikseb informazzjoni relatata mal-awditjar statutorju mingħand kwalunkwe persuna;

(ċ) jagħmel spezzjonijiet ta' awdituri jew ta' ditti tal-awditjar fuq il-post;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) jirreferi kwistjonijiet għal prosekuzzjoni kriminali;

(e) jitlob lill-esperti biex jagħmlu verifiki jew investigazzjonijiet;

(f) jieħu miżuri amministrattivi, u jimponi s-sanzjonijiet imsemmija fl-artikolu 14.

(3) Il-Bord jista' juża s-setgħat imsemmija fis-subartikolu (2)(a) fir-rigward biss ta':

(a) awdituri u ditti tal-awditjar li jagħmlu awditjar statutorju tal-entitajiet ta' interess pubbliku;

(b) persuni involuti fl-attivitajiet ta' awdituri u ta' ditti tal-awditjar li jagħmlu awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku;

(ċ) entitajiet ta' interess pubbliku awditjati, l-affiljati tagħhom u partijiet terzi relatati;

(d) partijiet terzi li għalihom l-awdituri u d-ditti tal-awditjar li jagħmlu l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku, ikunu esternalizzaw ċertu funzjonijiet u attivitajiet; u

(e) persuni relatati jew konnessi mod ieħor mal-awdituri statutorji jew mad-ditti tal-awditjar li jagħmlu l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku.

(4) Il-Bord għandu jeżerċita s-setgħat superviżorji u investigatorji tiegħu bi kwalunkwe mod minn dawn li ġejjin:

(a) direttament;

(b) flimkien ma' awtoritajiet oħra;

(ċ) b'applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

(5) Is-setgħat superviżorji u investigatorji tal-Bord għandhom jiġu eżerċitati b'konformità sħiħa mal-liġi Maltija, u b'mod partikolari, mal-prinċipji tar-rispett għall-ħajja privata u d-dritt ta' difiża.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) L-ipproċessar ta' *data* personali pproċessata fl-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u investigatorji skont dan l-artikolu, għandu jitwettaq b'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* u d-Direttiva 95/46/KE.

Kap. 440.

Delega ta' kompiti.

7B. (1) Il-Bord jista' jiddelega kwalunkwe kompitu rikjest li għandu jsir skont dan l-Att u r-Regolament dwar l-Awditjar lil awtoritajiet jew korpi maħturin jew awtorizzati mod ieħor mil-liġi biex iwettqu tali kompiti, minbarra l-kompiti relatati ma':

(a) is-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità msemmija fid-Direttiva 4 tal-Professjoni tal-*Accountancy* (Assigurazzjoni tal-Kwalità);

(b) investigazzjonijiet li jirriżultaw minn dik is-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità jew minn riferiment minn awtorità oħra; u

(ċ) sanzjonijiet u miżuri relatati mal-eżamijiet mill-ġdid tal-assigurazzjoni tal-kwalità jew investigazzjoni ta' awdituri ta' entitajiet ta' interess pubbliku.

(2) Kwalunkwe eżekuzzjoni ta' kompiti minn awtoritajiet jew korpi għandha tkun delegata b'mod speċifiku mill-Bord. Id-delega għandha tispeċifika l-kompiti delegati u l-kondizzjonijiet li skonthom għandhom jitwettqu.

Meta l-Bord jiddelega kompiti lil awtoritajiet jew korpi oħra, huwa għandu jkun jista' jieħu lura l-kompetenzi delegati skont il-każ.

(3) L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jiġu evitati l-konflitti ta' interess. Il-Bord għandu r-responsabbiltà aħħarija għas-superviżjoni tal-konformità mar-Regolament dwar l-Awditjar, ma' dan l-Att u mal-miżuri ta' implimentazzjoni li ġew adottati skont l-Att.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Bord għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar kwalunkwe arranġament li jkun daħal fih fir-rigward tad-delega tal-kompiti, inklużi l-kundizzjonijiet preċiżi li jirregolaw tali delega.".

7. L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "f'oqsma partikolari ta' attività;" għandhom jidħlu l-kliem "f'oqsma partikolari ta' attività, inkluż, iżda mhux limitat għal, l-istabbiliment ta' rekwiżiti addizzjonali marbuta mal-kontenut tar-rapport ta' awditjar imsemmija fl-artikoli 179 u 179A tal-Att dwar il-Kumpanniji;";

(b) fil-paragrafu (j) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Direttiva 2006/43/KE;" għandhom jidħlu l-kliem "Direttiva 2006/43/KE, id-Direttiva 2014/56/UE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014;";

(ċ) fil-paragrafu (l) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "mal-piena hawn qabel imsemmija." għandhom jidħlu l-kliem "mal-piena hawn qabel imsemmija;", u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(m) il-kriterji ta' ekwivalenza tal-awditjar tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u kkonsolidati msemmija fl-artikolu 7(6);

(n) il-kriterji ta' ekwivalenza ġenerali li għandhom jintużaw meta jiġu vvalutati d-dikjarazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-artikolu 7(6);

(o) l-ekwivalenza msemmija fl-artikolu 7(9);

(p) l-istabbiliment ta' kriterji ta' ekwivalenza ġenerali li għandhom jintużaw meta jiġu vvalutati s-sorveljanza pubblika, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-investigazzjoni u s-sistemi ta' sanzjonijiet ta' pajjiż terz;

(q) l-adegwatezza ta' pajjiżi terzi msemmija fir-regolament 9 tar-Regolament dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*;

L.S. 281.01

VERŻJONI ELETTRONIKA

(r) l-istabbiliment ta' kriterji ta' adegwatezza ġenerali li għandhom jintużaw sabiex jiġi vvalutat jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jistgħux jiġu rikonoxxuti bħala adatti sabiex jikkooperaw mal-Bord fl-iskambju ta' dokumenti tal-ħidma tal-awditjar u dokumenti oħra f'idejn awdituri statutorji u ditti tal-awditjar.";

(d) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "kodiċi ta' etika," għandhom jiżdiedu l-kliem "*standards* dwar kontroll intern tal-kwalità ta' ditti tal-awditjar, kif ukoll";

(e) fil-paragrafu (k) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "Direttiva 2006/43/KE;" għandhom jidħlu l-kliem "Direttiva 2006/43/KE, id-Direttiva 2014/56/UE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014;"; u

(f) il-paragrafu (o) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (q) u minnufih wara l-paragrafu (n) tiegħu għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(o) f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-firma/firem meħtieġa fir-rapport tal-awditjar imsemmi fl-artikoli 179 u 179A tal-Att dwar il-Kumpanniji, m'hemmx għalfejn jiġu żvelati lill-pubbliku jekk tali żvelar jista' jwassal għal theddida imminenti u sinifikattiva għas-sigurtà personali ta' kwalunkwe persuna, ukoll jekk l-isem/ismijiet tal-persuna/i involuta/i jkun/u magħruf/a mill-Bord;

Kap. 386.

(p) setgħat oħra ta' sanzjonar minbarra dawk imsemmija fl-artikolu 14(2);".

Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

8. Fit-tieni proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "mar-regoli dwar l-indipendenza" għandhom jidħlu l-kliem "mar-regoli dwar xettiċiżmu, l-indipendenza".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

9. Minnufih wara l-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu

VERŻJONI ELETTRONIKA

jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Rikonoxximent ta' ditta tal-awditjar.

10A. (1) B'deroga mill-artikolu 10(7), ditta tal-awditjar li hija approvata fi Stat Membru ieħor għandha tkun intitolata li twettaq awditjar statutorju fi Stat Membru ieħor dment li s-sieħeb ewlieni ta' awditjar li jwettaq l-awditjar statutorju f'isem id-ditta tal-awditjar jikkonforma mal-artikolu 3(1) u (2) u mar-regolament 4(1) u (2) u r-regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*.

L.S. 281.01

(2) Meta ditta tal-awditjar, li tikkwalifika taħt is-subartikolu (1), tkun tixtieq twettaq awditjar statutorju, hi għandha tirreġistra mal-Bord skont l-artikolu 7(4) u (15) u r-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*.

L.S. 281.01

(3) Il-Bord għandu jirreġistra d-ditta tal-awditjar jekk ikun sodisfatt li d-ditta tal-awditjar tkun reġistrata mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiċiljari. Meta l-Bord ikun biħsiebu joqgħod fuq ċertifikat li jafferma r-reġistrazzjoni tad-ditta tal-awditjar fl-Istat Membru domiċiljari, il-Bord jista' jitlob li ċ-ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiċiljari ma għandux ikun ilu aktar minn tliet xhur li nħareġ. Il-Bord għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiċiljari dwar ir-reġistrazzjoni tad-ditta tal-awditjar.".

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

10. Is-subartikolu (4) tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Kull persuna jew ditta marbuta li tkun koperta minn assigurazzjoni ta' indennizz taħt dan l-artikolu, għandha, kull sena, flimkien mal-formola annwali, tinforma lill-Bord bil-miktub bl-isem tal-kumpannija tal-assigurazzjoni, in-numru relatat tal-polza tal-assigurazzjoni, tipprovdi evidenza dokumentarja mill-kumpannija tal-assigurazzjoni li tali persuna jew ditta hija attwalment koperta mill-polza tal-assigurazzjoni identifikata, u għandha tiddikjara lill-Bord li tali livell ta' kopertura tal-assigurazzjoni jammonta għal mhux inqas minn tali livell minimu li jista' jiġi preskritt.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Multi, sanzjonijiet u miżuri amministrattivi."; u

(b) l-artikolu preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu u minnufih wara għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Il-Bord għandu jkollu s-setgħa li jieħu u, jew jimponi tal-inqas il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi li ġejjin għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regoli taħt dan l-Att kif ukoll, fejn applikabbli, ir-Regolament dwar l-Awditjar:

(a) notifika li teħtieġ lill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur li tieqaf mill-imġiba u li tastjeni milli tirrepeti dik l-imġiba;

(b) dikjarazzjoni pubblika li tindika li l-persuna responsabbli u n-natura tal-ksur, ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-awtoritajiet kompetenti;

(ċ) projbizzjoni temporanja ta' mhux aktar minn durata ta' tliet snin, li tillimita lill-awditur statutorju, id-ditta tal-awditjar jew is-sieħeb ewlieni tal-awditjar milli jwettqu awditjar statutorju u, jew jiffirmaw rapporti tal-awditjar;

(d) dikjarazzjoni li r-rapport tal-awditjar ma jilħaqx ir-rekwiżiti tal-artikolu 179A tal-Att dwar il-Kumpanniji jew, fejn applikabbli, l-artikolu 179B ta' dak l-Att; Kap. 386.

(e) projbizzjoni temporanja, ta' mhux aktar minn durata ta' tliet snin, li tillimita lill-membru ta' ditta tal-awditjar milli jeżerċita funzjonijiet f'ditti ta' awditjar jew entitajiet ta' interess pubbliku;

(f) l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Meta jiġu determinati t-tip u l-livell tas-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi msemmija fis-subartikolu (1), fl-artikolu 7(17) u fl-artikolu 15, il-Bord u, jew il-kumitati dixxiplinarji maħtura skont it-termini tal-artikolu 7(16) għandhom jieħdu kont taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż, fejn ikun il-każ:

(a) il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna responsabbli;

(ċ) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli, pereżempju kif indikat mill-fatturat totali tal-impriża responsabbli jew id-dħul annwali totali tal-persuna responsabbli, jekk dik il-persuna tkun persuna fiżika;

(d) l-ammonti tal-qligħ iggwadanjati jew tat-telf evitat mill-persuna responsabbli, sa fejn dawn jistgħu jiġu determinati;

(e) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli mal-Bord;

(f) ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli.

Il-Bord u, jew il-kumitati dixxiplinarji maħtura jistgħu jieħdu kont ta' fatturi addizzjonali skont it-termini tal-artikolu 7(16) meta tali fatturi huma speċifikati f'dispożizzjoni legali, regolament jew Direttiva.".

Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

12. Fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "dik id-ditta milli tiġi reġistrata." għandhom jidħlu l-kliem "dik id-ditta milli tiġi reġistrata;", u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) Fejn l-approvazzjoni ta' ditta tal-awditjar tiġi rtirata għal kwalunkwe raġuni, il-Bord għandu jikkomunika dak il-fatt u r-raġunijiet għall-irtirar lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri fejn id-ditta tal-awditjar tkun ukoll reġistrata.".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

13. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "li jistgħu jiġu lilha preskritti." għandhom

VERŻJONI ELETTRONIKA

jidħlu l-kliem "li jistgħu jiġu lilha preskritti;", u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) safejn huwa hekk preskritt, persuna ma għandhiex titqies bħala li teżerċita l-professjoni ta' *accountant* jekk hija tagħti assigurazzjoni dwar il-vijabilità fil-ġejjieni tal-entità awditjata jew dwar l-effiċjenza jew l-effikaċja li biha l-korp maniġerjali jew il-bord tad-diretturi amministra jew ser jamministra l-affarijiet tal-entità.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Pubblikazzjoni tar-rapport dwar it-trasparenza fl-awditjar tal-entitajiet ta' interess pubbliku.

18. (1) Awditur jew ditta tal-awditjar li jwettqu awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jippubblikaw ir-rapport annwali tat-trasparenza sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara tmiem kull sena finanzjarja. Dak ir-rapport ta' trasparenza għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-awditur jew id-ditta tal-awditjar u għandu jibqa' għad-dispożizzjoni fuq dak is-sit elettroniku għal tal-inqas ħames snin mill-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fuq is-sit elettroniku. Jekk l-awditur jiġi impjegat minn ditta tal-awditjar, l-obbligi taħt dan l-artikolu għandhom ikunu tad-ditta tal-awditjar.

Awditur jew ditta tal-awditjar għandha titħalla taġġorna r-rapporti annwali tagħha tat-trasparenza. F'dan il-każ, l-awditur jew id-ditta tal-awditjar għandha tindika li din tkun verżjoni aġġornata tar-rapport u l-verżjoni oriġinali tar-rapport għandha tibqa' disponibbli fuq is-sit elettroniku.

L-awdituri u d-ditti tal-awditjar għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti li r-rapport tat-trasparenza ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-awditur jew tad-ditta tal-awditjar jew, skont il-każ, li dan ġie aġġornat.

(2) Ir-rapport annwali ta' trasparenza għandu tal-inqas jinkludi dan li ġej:

(a) deskrizzjoni tal-istruttura ġuridika u s-sjieda tad-ditta tal-awditjar;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) fejn l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar tkun membru ta' netwerk:

(i) deskrizzjoni tan-netwerk u l-arranġamenti legali u strutturali fin-netwerk;

(ii) l-isem ta' kull awditur li jopera bħala prattikant waħdani jew ditta tal-awditjar li jkunu membri tan-netwerk;

(iii) il-pajjiżi li fihom kull awditur li jopera bħala prattikant waħdani jew ditta tal-awditjar li jkunu membri tan-netwerk huma kkwalifikati bħala awdituri statutorji jew fejn għandhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew is-sede prinċipali;

(iv) il-fatturat totali ġġenerat mill-awdituri li joperaw bħala prattikant waħdani u d-ditti tal-awditjar li jkunu membri tan-netwerk, li jirriżulta mill-awditjar statutorju tar-rapporti finanzjarji annwali u konsolidati;

(ċ) deskrizzjoni tal-istruttura tal-governanza tad-ditta tal-awditjar;

(d) deskrizzjoni tas-sistema interna ta' kontroll tal-kwalità tal-awditur jew tad-ditta tal-awditjar u dikjarazzjoni mill-korp amministrattiv jew maniġerjali dwar l-effikaċja tal-funzjonament tagħha;

(e) indikazzjoni dwar meta sar l-aħħar eżami tal-garanzija tal-kwalità msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament dwar l-Awditjar;

(f) lista ta' entitajiet ta' interess pubbliku li l-awditur jew id-ditta tal-awditjar wettqu awditjar statutorju għalihom fis-sena finanzjarja ta' qabel;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) dikjarazzjoni li tikkonċerna l-prattiki ta' indipendenza tal-awditur jew tad-ditta tal-awditjar li tikkonferma wkoll li sar eżami intern tal-konformità dwar l-indipendenza;

(h) dikjarazzjoni dwar il-politika segwita mill-awditur statutorju jew mid-ditta tal-awditjar li tikkonċerna l-edukazzjoni kontinwa tal-awdituri statutorji msemmija fid-Direttiva 1 dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* (Edukazzjoni Professjonali Kontinwa);

(i) informazzjoni li tikkonċerna l-bażi għar-remunerazzjoni tal-prinċipali fid-ditti tal-awditjar;

(j) deskrizzjoni tal-politika tal-awditur jew tad-ditta tal-awditjar li tikkonċerna r-rotazzjoni tas-sħab u l-persunal ewlenin tal-awditjar f'konformità mal-Artikolu 17(7) tar-Regolament dwar l-Awditjar;

(k) fejn ma tiġix żvelata fir-rapport finanzjarju fis-sens tal-artikolu 167(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji, informazzjoni dwar il-fatturat totali tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar, maqsuma fil-kategoriji li ġejjin:

Kap. 386.

(i) dħul mill-awditjar statutorju ta' rapporti finanzjarji annwali u konsolidati ta' entitajiet ta' interess pubbliku u entitajiet li jappartjenu għal grupp ta' impriżi li l-impriża prinċipali tagħhom hija entità ta' interess pubbliku;

(ii) dħul mill-awditjar statutorju ta' rapporti finanzjarji annwali u konsolidati ta' entitajiet oħra;

(iii) dħul minn servizzi permessi mhux tal-awditjar mogħtija lil entitajiet li huma awditjati mill-awditur statutorju jew mid-ditta tal-awditjar; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iv) dħul minn servizzi mhux tal-awditjar mogħtija lil entitajiet oħra.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awditur jew id-ditta tal-awditjar tista' tiddeċiedi li ma tiddivulgax l-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafu (f) sa fejn dan huwa neċessarju sabiex tiġi mitigata theddida imminenti u sinifikanti għas-sigurtà persunali ta' kwalunkwe persuna. L-awditur jew id-ditta tal-awditjar għandha tkun tista' turi lill-awtorità kompetenti l-eżistenza ta' theddida bħal din.

(3) Ir-rapport ta' trasparenza għandu jiġi ffirmat mill-awditur jew mid-ditta tal-awditjar.".

Żjieda tal-artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

15. Minnufih wara l-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Projbizzjoni tal-forniment ta' servizzi mhux tal-awditjar.

18A.(1)L-awditur jew id-ditta tal-awditjar li jwettqu awditjar statutorju ta' entità ta' interess pubbliku, jew kwalunkwe membru tan-netwerk li minnu l-awditur jew id-ditta tal-awditjar jagħmlu parti, ma għandhomx jipprovdu direttament jew indirettament lill-entità awditjata, lill-intrapriża prinċipali tagħha jew lill-intrapriżi kkontrollati tagħha fl-Unjoni Ewropea, kwalunkwe servizz mhux tal-awditjar ipprojbit:

(a) fil-perijodu bejn il-bidu tal-perijodu awditjat u l-ħruġ tar-rapport tal-awditjar; u

(b) fis-sena finanzjarja minnufih qabel il-perijodu msemmi fil-paragrafu (a) b'rabta mas-servizzi elenkati fis-subartikolu (2)(e).

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), servizzi mhux ta' awditjar ipprojbiti għandha tfisser:

(a) servizzi fiskali relatati ma':

(i) it-tħejjija tal-formoli tat-taxxa;

(ii) it-taxxa fuq is-salarji;

(iii) id-dazji doganali;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iv) l-identifikazzjoni ta' sussidji pubbliċi u inċentivi fiskali sakemm l-appoġġ mill-awditur jew id-ditta tal-awditjar fir-rigward ta' tali servizzi ma jkunx meħtieġ bil-liġi;

(v) l-appoġġ rigward l-ispezzjonijiet fiskali mill-awtoritajiet fiskali sakemm l-appoġġ mill-awditur jew id-ditta tal-awditjar b'rabta ma' tali ispezzjonijiet ma jkunx meħtieġ bil-liġi;

(vi) kalkolu ta' taxxa diretta u indiretta u taxxa differita;

(vii) forniment ta' konsulenza fiskali;

(b) servizzi li jinvolvu kwalunkwe rwol fil-ġestjoni jew il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-entità awditjata;

(ċ) żamma tal-kotba u tħejjija tar-rekords kontabilistiċi u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji;

(d) servizzi ta' ħlas tas-salarji;

(e) disinn u implimentazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll intern jew ta' maniġġar tar-riskji b'rabta mat-tħejjija u, jew il-kontroll ta' informazzjoni finanzjarja jew mat-tfassil jew implimentazzjoni ta' sistemi informatiċi finanzjarji;

(f) servizzi ta' evalwazzjoni, inklużi evalwazzjonijiet imwettqin b'rabta ma' servizzi attwarji jew servizzi ta' appoġġ f'tilwim;

(g) servizzi legali, rigward:

(i) il-forniment ta' konsulenza ġenerali;

(ii) negozjar f'isem l-entità awditjata; jew

(iii) azzjoni fi rwol ta' difiża fir-riżoluzzjoni ta' tilwim;

(h) servizzi marbutin mal-funzjoni tal-awditjar intern tal-entità awditjata;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) servizzi marbutin mal-finanzjament, l-istruttura u l-allokazzjoni kapitali, u l-istrateġija tal-investiment tal-entità awditjata, minbarra l-forniment ta' servizzi tal-assigurazzjoni b'rabta mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, bħall-ħruġ ta' ittri ta' konfort b'rabta mal-prospetti maħruġa mill-entità awditjata;

(j) il-promozzjoni, in-negozjar, jew is-sottoskrizzjoni ta' ishma fl-entità awditjata;

(k) servizzi ta' riżorsi umani rigward:

(i) ġestjoni f'pożizzjoni ta' eżerċizzju ta' influwenza sinifikanti fuq it-tħejjija tar-rekords kontabilistiċi jew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji li huma soġġetti għal awditjar statutorju, fejn tali servizzi jinvolvu:

- it-tfittxija għal kandidati għal dawn il-pożizzjonijiet; jew
- it-twettiq ta' verifiki ta' referenza ta' kandidati għal dawn il-pożizzjonijiet;

(ii) it-tfassil tas-sistema tal-organizzazzjoni; u

(iii) il-kontroll tal-ispejjeż.

(3) B'deroga mis-subartikolu (2), is-servizzi msemmija fil-paragrafi (a)(i), (a)(iv) sa (a)(vii) u (f) jistgħu jiġu pprovduti, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti segwenti:

(a) ma jkollhom l-ebda effett dirett, jew ikollhom effett immaterjali, b'mod separat jew aggregat fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati;

(b) l-istima tal-effett fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati tiġi dokumentata u spjegata b'mod komprensiv fir-rapport addizzjonali lill-kumitat tal-awditjar imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-Awditjar; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) il-prinċipji tal-indipendenza stabbiliti fil-Kodiċi tal-Etika maħruġ mill-Bord, jiġu sodisfatti mill-awditur jew id-ditta tal-awditjar.

(4) Awditur statutorju jew ditta tal-awditjar li twettaq awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u, meta l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar tagħmel parti minn netwerk, kwalunkwe membru ta' tali netwerk, tista' tipprovdi lill-entità awditjata, lill-intrapriża prinċipali tagħha jew lill-intrapriżi kkontrollati tagħha, servizzi mhux tal-awditjar li mhumiex is-servizzi mhux tal-awditjar ipprojbiti msemmija fis-subartikoli (1) u (2), soġġett għall-approvazzjoni tal-kumitat tal-awditjar wara li jkun ivvaluta b'mod adatt it-theddid għall-indipendenza u s-salvagwardji applikati f'konformità mal-Kodiċi tal-Etika maħruġ mill-Bord.

(5) (a) Meta membru ta' netwerk li minnu jagħmlu parti l-awditur jew id-ditta tal-awditjar li twettaq awditjar statutorju ta' entità ta' interess pubbliku jipprovdi kwalunkwe servizz mhux tal-awditjar, imsemmi fis-subartikoli (1) u (2), lil intrapriża inkorporata f'pajjiż terz ikkontrollata mill-entità ta' interess pubbliku awditjata, l-awditur jew id-ditta tal-awditjar ikkonċernata għandha tivvaluta jekk l-indipendenza tagħha tkunx kompromessa minn tali forniment ta' servizzi mill-membru tan-netwerk.

(b) Jekk l-indipendenza tagħha tkun affettwata, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandha tapplika salvagwardji, fejn applikabbli, sabiex timmitiga t-theddid ikkawżat minn tali forniment ta' servizzi f'pajjiż terz. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar tista' tkompli twettaq l-awditjar statutorju tal-entità ta' interess pubbliku biss jekk din tista' tiġġustifika, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-Awditjar u l-Kodiċi tal-Etika maħruġ mill-Bord, li tali forniment ta' servizzi ma jaffettwax il-ġudizzju professjonali tagħha u r-rapport tal-awditjar.

(ċ) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) l-involviment fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-entità awditjata u l-forniment tas-servizzi li għalihom issir referenza fis-subartikolu (2)(b), (ċ) u (e), għandhom jitqiesu li jaffettwaw tali indipendenza fil-każijiet kollha u ma tkunx tista' ssir mitigazzjoni bi kwalunkwe salvagwardja; u

(ii) il-forniment tas-servizzi msemmija fis-subartikolu (2), għajr il-paragrafi (b), (ċ) u (e), jitqies li jaffettwa tali indipendenza u għalhekk jitqies li jirrikjedi salvagwardji biex jiġi mmitigat it-theddid ikkawżat b'riżultat ta' dan.".

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

16. Minnufih wara l-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri.

20A. (1) Il-Bord għandu jippubblika fil-websajt uffiċjali tiegħu għall-inqas kwalunkwe sanzjoni amministrattiva imposta għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ir-regolamenti magħmula taħtu u Direttivi, jew tar-Regolament dwar l-Awditjar, li fir-rigward tagħhom id-drittijiet kollha ta' appell ikunu ġew eżawriti jew ikunu skadew mingħajr dewmien mhux dovut immedjatament wara li l-persuna sanzjonata tkun ġiet informata dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuna fiżika jew ġuridika li fuqha ġiet imposta s-sanzjoni:

Iżda meta s-sanzjonijiet imposti huma soġġetti għal appell, il-pubblikazzjoni għandha ssir biss wara li d-drittijiet kollha għall-appell ikunu ġew eżawriti jew ikunu skadew.

(2) Il-Bord għandu jippubblika s-sanzjonijiet imposti fuq bażi anonima, u b'mod konformi mal-liġi Maltija, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fejn, fil-każ li s-sanzjoni tiġi imposta fuq persuna fiżika, jiġi ppruvat li l-pubblikazzjoni tad-*data* personali tkun sproporzjonata minn valutazzjoni obbligatorja li tkun saret qabel tal-proporzjonalità ta' tali pubblikazzjoni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) fejn il-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni kriminali li tkun għadha għaddejja;

(ċ) fejn pubblikazzjoni toħloq ħsara sproporzjonata lill-istituzzjonijiet jew l-individwi involuti.

(3) Il-Bord għandu jiżgura li kwalunkwe pubblikazzjoni f'konformità mas-subartikolu (1) tkun għal żmien proporzjonat u għandha tibqa' fuq il-websajt uffiċjali għal perijodu minimu ta' ħames (5) snin wara li d-drittijiet kollha għal appell ikunu ġew eżawriti jew ikunu skadew.

(4) Il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet u ta' miżuri u ta' kwalunkwe dikjarazzjoni pubblika għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali kif stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali; b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali:

Iżda tali pubblikazzjoni jew kwalunkwe dikjarazzjoni pubblika ma għandhiex ikollha fiha *data* personali fis-sens ta' "*data* personali" fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap. 440.

Rappurtar ta' ksur.

20B. (1) Il-Bord għandu jistabbilixxi mekkaniżmi effettivi sabiex jinkoraġġixxi r-rappurtar ta' ksur ta' dan l-Att, ir-regolamenti magħmula taħtu u Direttivi jew tar-Regolament dwar l-Awditjar lill-Bord.

(2) Il-mekkaniżmi msemmija fis-subartikolu (1) għall-inqas għandhom jinkludu:

(a) proċeduri speċifiċi għar-riċevuta ta' rapporti ta' ksur u s-segwitu tagħhom;

(b) protezzjoni ta' *data* personali dwar kemm il-persuna li rrapportat il-ksur issuspettat jew ikkonfermat kif ukoll il-persuna li tkun akkużata li wettqet, jew li allegatament wettqet dak il-ksur, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*;

Kap. 440.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) proċeduri adatti sabiex jiżguraw id-dritt tal-persuna akkużata li tiddefendi ruħha u li tinstema' qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkonċernaha u d-dritt li tfittex rimedju effettiv quddiem tribunal kontra kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li tikkonċernaha.

(3) Id-ditti tal-awditjar għandhom jistabbilixxu proċeduri adatti għall-impjegati tagħhom sabiex dawn jirrapportaw ksur potenzjali jew ikkonfermat ta' dan l-Att, ir-regolamenti magħmula taħtu u Direttivi jew tar-Regolament dwar l-Awditjar, b'mod intern permezz ta' kanal speċifiku.

Skambju ta' informazzjoni.

20Ċ. (1) Il-Bord għandu kull sena jipprovdi lis-CEAOB informazzjoni miġbura fir-rigward tal-miżuri, is-sanzjonijiet u l-multi amministrattivi kollha imposti f'konformità mal-artikoli 7(17), 14, 15, 20, 20A u 20B.

(2) Il-Bord għandu jikkomunika lis-CEAOB il-projbizzjonijiet temporanji kollha msemmija fl-artikolu 14(2)(ċ) u (e).".

TAQSIMA II

Emendi għall-Att dwar il-Kumpanniji

17. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kumpanniji, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kumpanniji, hawn iktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

18. L-artikolu 3A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 3A tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "Kunsill 84/253/KEE;" għandhom jidħlu l-kliem "Kunsill 84/253/KEE, liema Direttiva hi stess ġiet emendata bid-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (p) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(q) ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku, hawn iktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar l-Awditjar";".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda tal-artikolu 151 tal-Att prinċipali.

19. Minnufih wara s-subartikolu (6) tal-artikolu 151 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(7) Kwalunkwe klawsola kuntrattwali li tillimita l-għażla mil-laqgħa ġenerali tal-kumpannija skont is-subartikolu (1) għal ċerti kategoriji jew listi ta' awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar fir-rigward tal-ħatra ta' awditur statutorju jew ditta tal-awditjar partikolari sabiex iwettqu l-awditjar statutorju ta' dik l-entità għandha tiġi pprojbita. Kwalunkwe tali klawsola eżistenti għandha tkun nulla u bla effett.

(8) Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, għall-ħatra ta' awdituri jew ditti tal-awditjar minn entitajiet ta' interess pubbliku, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 16(2) sa (6) tar-Regolament dwar l-Awditjar, u dawk fil-leġislazzjoni settorjali relattiva li tirregola kull tip ta' entità ta' interess pubbliku.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

20. Minnufih wara l-artikolu 151 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Durata tal-inkarigu tal-awditjar ta' entitajiet ta' interess pubbliku.

151A.(1)(a)Entità ta' interess pubbliku għandha taħtar awditur statutorju jew ditta tal-awditjar tal-inqas għal inkarigu inizjali ta' mill-anqas sena. L-inkarigu jista' jiġġedded.

(b) La l-inkarigu inizjali ta' awditur jew ditta tal-awditjar partikolari, u lanqas dan flimkien ma' kwalunkwe inkarigu mġedded miegħu ma għandu jaqbeż id-durata massima ta' għaxar snin.

(2) Wara l-iskadenza tad-durati massimi tal-inkarigi msemmija fis-subartikolu (1)(b) jew wara l-iskadenza tad-durata tal-inkarigi estiża f'konformità mas-subartikoli (3) jew (5), la l-awditur jew id-ditta tal-awditjar u lanqas, fejn applikabbli, kwalunkwe membru tan-netwerks tagħhom fl-Unjoni Ewropea ma għandu jidħol għall-awditjar statutorju tal-istess entità ta' interess pubbliku fil-perijodu ta' erba' snin ta' wara.

(3) Permezz ta' deroga mis-subartikolu (1), id-durati massimi msemmija fis-subartikolu (1)(b) jistgħu jiġu estiżi sad-durata massima ta' għoxrin (20) sena, fejn proċess ta' sejħa pubblika għall-offerti għall-awditjar jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 16(2) sa (5) tar-Regolament dwar l-Awditjar u jsir effettiv mal-iskadenza tad-durati massimi msemmija fis-subartikolu (1)(b).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Il-perijodi ta' durata massima msemmija fis-subartikolu (1)(b) għandhom jiġu estiżi biss jekk, fuq rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-awditjar, il-bord tad-diretturi jipproponi fil-laqgħa ġenerali tal-kumpannija, f'konformità mal-liġi Maltija, li l-inkarigu jiġġedded u dik il-proposta tiġi approvata.

(5) Wara li tiskadi d-durata massima tal-inkarigu msemmija fis-subartikolu (1)(b), jew fis-subartikolu (3), skont il-każ, l-entità ta' interess pubbliku tista', fuq bażi eċċezzjonali, titlob lill-Bord estensjoni biex jerġa' jinħatar l-awditur jew id-ditta tal-awditjar għal inkarigu ieħor fejn jiġu milħuqa l-kondizzjonijiet fis-subartikolu (3). Tali inkarigu addizzjonali m'għandux ikun aktar minn sentejn.

(6) (a) Is-sħab ewlenin tal-awditjar responsabbli għat-twettiq ta' awditjar statutorju għandhom itemmu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-awditjar statutorju tal-entità awditjata mhux aktar tard minn seba' (7) snin mid-data tal-ħatra tagħhom. Ma għandhomx jerġgħu jipparteċipaw fl-awditjar statutorju tal-entità awditjata qabel ma jkunu għaddew tliet snin minn dak il-waqfien.

(b) L-awditur jew id-ditta tal-awditjar għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' rotazzjoni gradwali adatt fir-rigward tal-persunal l-aktar anzjan involut fl-awditjar statutorju, inklużi tal-inqas il-persuni li huma rreġistrati bħala awdituri statutorji. Il-mekkaniżmu ta' rotazzjoni gradwali għandu jiġi applikat f'fażijiet fuq il-bażi ta' individwi aktar milli fuq il-bażi tat-tim sħiħ tal-inkarigu. Dan għandu jkun proporzjonat fl-iskala u l-kumplessità tal-attività tal-awditur jew tad-ditta tal-awditjar.

(ċ) L-awditur jew id-ditta tal-awditjar għandha tkun tista' turi lill-Bord li mekkaniżmu bħal dan huwa effettivament applikat u adattat għall-iskala u l-kumplessità tal-attività tal-awditur jew tad-ditta tal-awditjar.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(7) (a) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, id-durata tal-inkarigu tal-awditjar għandha tiġi kkalkulata mill-ewwel sena finanzjarja koperta fl-ittra tal-inkarigu tal-awditjar li fiha l-awditur jew id-ditta tal-awditjar tkun inħatret għall-ewwel darba biex tagħmel awditjar statutorju konsekuttiv għall-istess entità ta' interess pubbliku.

(b) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, id-ditta tal-awditjar għandha tinkludi ditti oħra li d-ditta tal-awditjar tkun akkwistat jew li jkunu ngħaqdu magħha.

(ċ) Jekk ikun hemm inċertezza dwar id-data meta l-awditur jew id-ditta tal-awditjar bdew jagħmlu awditjar statutorju konsekuttiv għall-entità ta' interess pubbliku, pereżempju minħabba fużjoni tad-ditta, akkwisti, jew bidliet fl-istruttura tas-sjieda, l-awditur għandu jirrapporta minnufih tali inċertezzi lill-Bord.

(8) Mis-17 ta' Ġunju 2020 entità ta' interess pubbliku ma għandhiex tidħol jew iġġedded inkarigu ta' awditjar ma' awditur jew ditta tal-awditjar partikolari jekk dak l-awditur jew id-ditta tal-awditjar ilha tipprovdi servizzi ta' awditjar lil dik l-entità ta' interess pubbliku għal għoxrin (20) sena konsekuttiva jew aktar mis-16 ta' Ġunju 2014.

(9) Mis-17 ta' Ġunju 2023, entità ta' interess pubbliku ma għandhiex tidħol jew iġġedded inkarigu ta' awditjar ma' awditur jew ditta tal-awditjar partikolari jekk dak l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar ilha tipprovdi servizzi ta' awditjar lil dik l-entità ta' interess pubbliku għal ħdax-il (11) sena jew aktar iżda inqas minn għoxrin (20) sena konsekuttiva fis-16 ta' Ġunju 2014.

(10) Mingħajr preġudizzju għas-subartikoli (8) u (9), l-inkarigi ta' awditjar li saru qabel is-16 ta' Ġunju 2014 iżda li jkunu għadhom fis-seħħ sas-17 ta' Ġunju 2016 jistgħu jibqgħu japplikaw sat-tmiem tad-durata massima msemmija fis-subartikolu (1)(b). Għandu japplika s-subartikolu (3).

(11) L-artikolu 16(3) għandu japplika biss għal inkarigi ta' awditjar wara l-iskadenza tal-perijodu msemmi fis-subartikolu (1)(b).".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda tal-artikolu 157 tal-Att prinċipali.

21. Minnufih wara s-subartikolu (4) tal-artikolu 157 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) F'każ tal-awditjar statutorju ta' entità ta' interess pubbliku, għandu jkun permissibbli għal -

(a) l-azzjonisti, li jirrappreżentaw ħamsa fil-mija jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital azzjonarju; jew

(b) il-Bord imsemmi fis-subartikolu (2),

li jressaq kawża quddiem il-qorti għat-tkeċċija tal-awdituri statutorji jew tad-ditti tal-awditjar fejn ikun hemm raġunijiet tajba biex dan isir.".

Emenda tal-artikolu 179 tal-Att prinċipali.

22. L-artikolu 179 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Ir-rapport tal-awditjar għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 179A."; u

(b) fis-subartikolu (13) tiegħu, minflok il-kliem "stipulati f'dan l-artikolu" għandhom jidħlu l-kliem "stipulati f'dan l-artikolu u fl-artikolu 179A".

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

23. Minnufih wara l-artikolu 179 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Rappurtar tal-awditjar.

179A. (1) Ir-rapport tal-awditjar għandu jsir bil-miktub u għandu:

(a) jidentifika l-entità li d-dikjarazzjonijiet annwali jew konsolidati tagħha huma soġġetti għall-awditjar statutorju; jispeċifika d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew konsolidati u d-data u l-perijodu li huma jkopru; u jidentifika l-qafas ta' rappurtar finanzjarju li ġie applikat fit-tħejjija tagħhom;

(b) jinkludi deskrizzjoni tal-ambitu tal-awditjar statutorju li għandu, bħala minimu, jidentifika l-i*standards* tal-awditjar li f'konformità magħhom twettaq l-awditjar statutorju;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) jinkludi opinjoni tal-awditjar, li għandha tkun mhux kwalifikata, jew kwalifikata jew opinjoni negattiva u li għandu jindika b'mod ċar l-opinjoni tal-awditur(i) jew tad-ditta/i tal-awditjar dwar:

(i) jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jagħtux stampa veritiera u ġusta f'konformità mal-qafas rilevanti għar-rappurtar finanzjarju; u

(ii) fejn ikun il-każ, jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jkunux konformi mar-rekwiżiti statutorji.

Jekk l-awditur/i statutorju/i jew id-ditta/i tal-awditjar ma jkunux kapaċi jesprimu opinjoni tal-awditjar, ir-rapport għandu jkollu ċaħda tal-opinjoni;

(d) jirreferi għal kwalunkwe kwistjoni oħra li fuqha l-awditur/i jew id-ditta/i tal-awditjar xeħtu xi dawl permezz ta' enfasi mingħajr ma kkwalifikaw l-opinjoni tal-awditjar;

(e) jinkludi opinjoni u dikjarazzjoni, li t-tnejn li huma għandhom ikunu bbażati fuq il-ħidma li twettqet matul l-awditjar, imsemmija fl-artikolu 179(3);

(f) jipprovdi dikjarazzjoni dwar kwalunkwe inċertezza materjali marbuta ma' avvenimenti jew kondizzjonijiet li jistgħu jitfgħu dubju sinifikanti dwar il-kapaċità tal-entità li tkompli bħala negozju avvjat;

(g) jidentifika l-post fejn ikunu stabbiliti l-awditur/i jew id-ditta/i tal-awditjar.

(2) Fejn l-awditjar statutorju jkun twettaq minn aktar minn awditur wieħed jew aktar minn ditta tal-awditjar waħda, l-awditur/i jew id-ditta/i tal-awditjar għandhom jaqblu dwar ir-riżultati tal-awditjar statutorju u jippreżentaw rapport u opinjoni konġunti. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, kull awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għandhom jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom f'paragrafu separat tar-rapport tal-awditjar u jagħtu r-raġuni tan-nuqqas ta' qbil.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Ir-rapport tal-awditjar għandu jiġi ffirmat u datat mill-awditur. Fejn ditta tal-awditjar twettaq l-awditjar statutorju, ir-rapport tal-awditjar għandu jiġi ffirmat minn tal-inqas l-awditur/i li wettqu l-awditjar statutorju f'isem id-ditta tal-awditjar. Fejn ikunu tqabbdu aktar minn awditur wieħed jew ditta tal-awditjar waħda r-rapport tal-awditjar għandu jiġi ffirmat mill-awdituri kollha jew għall-inqas mill-awdituri li jwettqu l-awditjar statutorju f'isem kull ditta tal-awditjar:

Iżda r-rapport tal-awditjar jiġi wkoll ko-ffirmat minn awditur awtorizzat fi Stat Membru ieħor, sakemm hu/hi huma membri tal-istess netwerk u kisbu l-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Bord.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (3), u l-artikoli 179 u 179B, l-ambitu tal-awditjar statutorju ma jinkludix assigurazzjoni dwar il-vijabilità fil-ġejjieni tal-entità awditjata jew dwar l-effiċjenza jew l-effikaċja li biha l-korp maniġerjali jew dak amministrattiv jamministra jew ser jamministra l-affarijiet tal-entità.

Rapport tal-awditjar.

179B. (1) Ir-rapport tal-awditjar ta' entitajiet ta' interess pubbliku għandu jitħejja b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 179 u 179A u barra minn hekk tal-inqas għandu:

(a) jiddikjara min, jew liema korp ikun ħatar l-awditur jew id-ditta/i tal-awditjar;

(b) jindika d-data tal-ħatra u l-perijodu tal-inkarigu totali mingħajr interruzzjoni inkluż tiġdid u ħatriet mill-ġdid preċedenti ta' awditur/i jew ditti tal-awditjar;

(ċ) jipprovdi, b'appoġġ tal-opinjoni tal-awditjar, dan li ġej:

(i) deskrizzjoni tal-aktar riskji sinifikanti vvalutati tad-dikjarazzjoni skorretta materjali, inklużi r-riskji vvalutati tad-dikjarazzjoni skorretta materjali minħabba frodi;

(ii) sommarju tar-rispons tal-awditur għal dawk ir-riskji; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) fejn rilevanti, osservazzjonijiet ewlenin li jirriżultaw fir-rigward ta' dawk ir-riskji.

Fejn ikun rilevanti għall-informazzjoni msemmija hawn fuq, ipprovduta fir-rapport tal-awditjar dwar kull riskju vvalutat tad-dikjarazzjoni skorretta materjali, ir-rapport tal-awditjar għandu jipprovdi referenza ċara għad-divulgazzjoni rilevanti fir-rapporti finanzjarji;

(d) jispjega sa liema punt l-awditjar statutorju tqies li seta' jidentifika irregolaritajiet, inkluż frodi;

(e) jikkonferma li l-opinjoni tal-awditjar hija konsistenti mar-rapport addizzjonali għall-kumitat tal-awditjar imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-Awditjar;

(f) jiddikjara li s-servizzi mhux tal-awditjar ipprojbiti msemmija fl-artikolu 18 tal-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* ma ġewx ipprovduti u li l-awditur/i jew id-ditta/i tal-awditjar baqgħu indipendenti mill-entità awditjata fit-twettiq tal-awditjar;

Kap. 281.

(g) jindika kwalunkwe servizz, minbarra l-awditjar statutorju, li ġie pprovdut mill-awditur jew mid-ditta tal-awditjar lill-entità tal-awditjar u lill-impriża jew impriżi kkontrollati tagħha, u li ma ġiex żvelat fir-rapport tad-diretturi jew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali.

(2) Bl-eċċezzjoni ta' fejn dan ikun meħtieġ fis-subartikolu (1)(e), ir-rapport tal-awditjar ma għandu jinkludi ebda kontroreferenza għar-rapport addizzjonali għall-kumitat tal-awditjar imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-Awditjar. Ir-rapport tal-awditjar għandu jkun imfassal b'lingwaġġ ċar u mingħajr ambigwità.

(3) L-awditur statutorju jew id-ditti tal-awditjar ma għandhom jużaw l-isem tal-ebda awtorità kompetenti b'mod li jkun jindika jew jissuġġerixxi endorsjar jew approvazzjoni minn dik l-awtorità tar-rapport tal-awditjar.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 414 tas-6 ta' Lulju, 2016.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati